MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Numru 165/1996

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**VS**

**RICHARD JOHN CHARLES CUSCHIERI**

**Illum 16 ta' Dicembru 2002.**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan talli f'dawn il-gzejjer, f'xi jum matul is-sena 1995 ikkommetta serq ta' cheque book tal-Mid Med Bank, liema serq sar ghad-dannu ta' David Abela minn Birkirkara, kif ukoll f'diversi jiem matul ix-xahar ta' Awissu 1995 b'diversi atti maghmulin mill-imputat ukoll jekk fi

zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra li meta gew ippresentati, ircieva bihom hlas jew ha l-kunsinna ta' oggetti jew gabar depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghmul b'xi att pubbliku tal-Gvern ghad-dannu ta' diversi persuni.

2. Kif ukoll talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, inganna jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh bi hsara ta' diversi persuni liema qliegh huwa aktar minn hames mitt lira.

3. Kif ukoll talli bi hsara ta' diversi persuni ghamel qliegh b'qerq, liema qliegh jiskorri il-hames mitt lira maltija.

4. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

5. Fl-istess data lok u hin u cirkostanzi kiser il-provvediment tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta meta giet moghtija lilu l-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija lilu fit-22 ta' Settemrbu, 1995 liema sentenza saret definittiva.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 324 tal-process li biha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputat u a bazi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikoli:

a) 167, 168, 169, 170, 183, 308, 309, 310, 334, 18, 17(b), 31, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

b) 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152, iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (ara fol 323 ibid).

Semghet ix-xhud in kontro ezami prodott mill-istess akkuzat.
Semghet lill-akkuzat jammetti li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu kif specifikati fil-paragrafu A fl-imsemmija nota tal-Avukat Generali izda mhux hati tal-akkuzi migjuba taht il-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta'Malta. (fol 324 u fol 364 ibid).

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti a fol 364 u mill-premess, l-akkuzat fit-12 ta' Novembru, tas-sena kurrenti, **ammetta** li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu taht l-artikoli 167, 168, 169, 170, 183, 308, 309, 310, 334, 18, 17(b), 31 u 23 tal-Kodici Kriminali cioe in rigward:

i) Falsifikazzjoni ta' dokumenti u obbligazzjonijiet tal-Gvern minn ufficjali pubblici,
ii) L-uzu ta' obbligazzjonijiet tal-Gvern jew ta' dokumenti foloz,
iii) Falsifikazzjoni ta' atti tal-Gvern gudizzjarji jew ufficjali,
iv) Falsifikazzjoni ta' atti pubblici kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku,
v) Frodi b'ghemil qarrieqi kif specifikat fl-artikolu 308 ibid,
vi) Qliegh b'qerq skond l-artikolu 309 ibid ("frode innominato"),
vii) Ricettazzjoni,

U dan kollu bhala reat kontinwat.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti waqt l-istess kumpilazzjoni, jidher li dan il-kaz beda jigi nvestigat meta certu Emanuel Bonello, li jiggestixxi hanut bl-isem ta' "Tool Box" fil-Gzira kien informa lill-Ufficjal prosekutur illi guvnott li identifika ruhu bhala "David Abela", kien xtara 'chainsaw' bil-prezz ta' LM244.62,0, liema prezz kien thallas permezz ta' 'cheque' numru 00391011230 mahrug fuq il-bank Mid Med Bank Ltd. Pero meta dan kien mar sabiex isarraf l-istess cheque imsemmi, Bonello kien gie informat li ma setax jissarraf.

Ghalhekk l-Ufficjal Prosekutur kien baghat ghall-veru David Abela, li da parti tieghu, oltre li cahad li kien involut f'dan il-kaz, informah illi kien ghadu kemm ordna 'cheque book' li pero ma kienx ghadu ircevih. In oltre, Emanuel Bonello, meta ra lil David Abela, kien informa lill-istess spettur Carmel Bartolo li ma kienx l-istess guvnott li kien tah ic-cheque in kwistjoni.

Hawnhekk l-istess spettur mar fil-fergha tal-Bank involuta u hemmhekk gie informat li kienu gew presentati diversi 'cheques' ghall-pagamenti mahrugin minn "David Abela" li pero, ma setghux jissarrfu peress li "drawer's signature differs".

Dawn ic-cheques kienu mahrugin favur diversi ditti kif elenakti a fol 26 u 27 tal-atti. Waqt l-invesitgazzjonijiet, l-ufficjal prosekutur kien ircieva informazzjoni li seta kien involut f'dan il-kaz, l-akkuzat.

Dan, meta interrogat, kien spjegalu li kien sab 'cheque book' vicin fabbrika f'San Gwann u kien uzah sabiex jakkwista diversi oggetti li kienu ghadhom fil-pussess tieghu (ara l-elenku relattiv a fol 29 u 30 ibid). L-istess oggetti gew esebiti formalment f'dawn l-atti. Difatti l-akkuzat kien ammetta wkoll, mal-Ufficjal prosekutur li kien hu stess li ffirma ic-'cheque' in kwistjoni.

Sussegwentement, wara li l-pulizija kien gew informati "in rigward xi cheques ohrajn", irrizulta li kien hemm

‘cheques’ ohrajn mahrugin minn “David Abela” favur diversi sidien ta’ hwienet sitwati f’Tas-Sliema. Ghalhekk l-akkuzat kien gie interrogat ghal darba ohra u dan ammetta li kien xtara oggetti ohrajn permezz tal-istess ‘cheque book’.

In oltre gew elevati oggetti ohrajn, li wkoll gew esebiti formalment (ara fol 34 ibid) u li gew identifikati mis-sidien tal-hwienet involuti. L-ufficjal prosekutur, wara li accenna ghal fatt li komplew jidhlulu rapporti dwar ‘cheques’ ohra mahrugin wkoll minn “David Abela”, esebixxa ic-’cheques’ kollha fl-original, hlief ghal wiehed, liema dokumenti jinsabu a fol 63 tal-atti u mmarkati Dok CB 11, b’kollox tnejn u ghoxrin. (Ara ukoll ir-ritratti esebiti minn PC 516 Alfio Borg a fol 67 ibid u mmarkati Dok AB 1, fuq liema ritratti hemm murija l-oggetti kollha mixtrija mill-akkuzat permezz tac-‘cheques’ in kwistjoni u li nstabu mill-pulizija bil-koperazzjoni tal-akkuzat kif ukoll ir-relazzjoni teknika mmarkata Dok WCT (a fol 163 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-fatti kif esposti, fil-qasir, l-akkuzat ammetta l-involviment u l-htija tieghu vis-a-vis l-istess fatti. Pero dwar dan ghandu jinghad is-segwenti:

a) L-artikolu 168 citat fl-“Artikoli” ossija akkuzi mahrugin mill-Avukat Generali fil-konfront tal-akkuzat, jikkontemplaw falsifikazzjoni da parti ta’ Ufficjal jew Impjegat Pubbliku. F’dan il-kaz, dan l-element kostittutiv ma jissussistix. Ghalhekk l-akkuzat ma jistax jinstab hati ta’ dak kontemplat f’dan l-artikolu citat.

b) L-artikolu 170 citat ukoll fl-istess ‘artikoli’ jirreferi ghal falsifikazzjoni ta’ dokument kontenenti ordni jew decizzjoni tal-Gvern kif ukoll falsifikazzjoni ta’ Digriet jew Ordni ta’ Qorti, Imhallef jew Magistrat jew Ufficjal Pubbliku, oltre meta dan jigi kommess minn ufficjal jew impjegat pubbliku. Dwar l-istess artikoli jidher ukoll li l-akkuzat ma setax u ma ikkommettix tali delitt.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk a bazi tal-fatti kif rizultanti mill-provi prodotti, l-akkuzat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi taht l-artikoli 168 u 170 tal-Kodici Kriminali, avolja hu irregistra ammissjoni anke in rigward l-istess akkuzi.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-akkuza ta' ksur ta' ordni ta' 'probation' a bazi tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta gew prodotti zewg fotokopji legali ta' sentenzi moghtija fit-2 ta' April 1993 u fis-6 ta' Mejju 1994 (ara fol 283 et seq ibid). Hawnhekk issir referenza wkoll ghad-Digriet moghti fit-2 ta' Frar 1999, in konnessjoni ma' sentenza ohra moghtija fit-22 ta' Settembru, 1993 (ara wkoll dak verbalizzat a fol 293 ibid). In rigward l-istess sentenzi, l-akkuzat, kif jidher a fol 304 tal-atti kien iddikjara, b'referenza ghall-kopja ta' sentenza esebita a fol 283, li ma kienx hemm bzonn li ssir il-prova tal-identita.

In rigward is-sentenza l-ohra, kif esebita a fol 286 kien gie prodott l-ispettur Stephen Gatt (fol 305 tal-istess atti) sabiex saret l-istess prova tal-identita.

Ikkunsidrat

Illi pero dwar l-akkuzi in ezami ghandu jinghad is-segwenti:

a) Fil-konfront tal-akkuzat ma hemm ebda akkuza ta' ricediva izda ta' ksur ta ordni ta' 'probation' u ta' 'probation'.
b) Tali akkuza, kif jidher mir-rapport u akkuzi migjuba mill-pulizija (fol 1 sa fol 4 tal-atti), tirreferi biss ghal sentenza **wahda** moghtija fit-22 ta' Settembru, 1993. Dwar din is-sentenza ma ingiebet ebda prova skond il-ligi.
c) A bazi taz-zewg sentenzi esebiti in atti, l-akkuzat kien inghata l-beneficcju in ezami ghal perjodu ta' sentejn mit-2 ta' April 1993 u ta' sena mis-6 ta' Mejju 1994. In rigward l-akkuzi in ezami, premess li skond l-aritkoli citati mill-Avukat Generali ma ingiebet ebda akkuza ta' serq "f'xi jiem, matul is-sena 1995" kif jidher mill-imsemmi rapport u

akkuzi migjuba mill-pulizija dawn jirreferu ghal perjodu matul ix-xahar ta’ Awissu 1995. Minn dan jidher li l-perjodu ta’ ‘probation’ u tal-ordni tal-‘probation’ kienu skadew meta l-akkuzat ikkommetta dak addebitat lilu u ammess minnu.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, avolja jidher li l-akkuzat effettivament jinsab akkuzat ta’ dawn il-ksur, skond l-‘artikoli’ citati mill-Avukat Generali u dan b’referenza ghaz-zewg sentenzi esebiti in atti kif hawn fuq premess, il-perjodu ta’ probation u ordni ta’ probation kien skada u ghalhekk l-akkuzat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi relattivi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi taht l-artikoli 168 u 170 tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 5, 9, u 10 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta u tilliberah minnhom, issib lill-akkuzat hati talli f’dawn il-gzejjer, f’xi jum matul is-sena 1995 ikkommetta serq ta’ cheque book tal-Mid Med Bank, liema serq sar ghad-dannu ta’ David Abela minn Birkirkara, kif ukoll f’diversi jiem matul ix-xahar ta’ Awissu 1995 b’diversi atti maghmulin mill-imputat wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra li meta gew ippresentati, ircieva bihom hlas jew ha l-kunsinna ta’ oggetti jew gabar depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghmul b’xi att pubbliku tal-Gvern ghad-dannu ta’ diversi persuni.

2. Kif ukoll talli b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, inganna jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh bi hsara ta’ diversi persuni liema qliegh huwa aktar minn hames mitt lira.

3. Kif ukoll talli bi hsara ta' diversi persuni ghamel qliegh b'qerq, liema qliegh jiskorri il-hames mitt lira maltija.

4. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom,

U dan skond l-artikoli 167, 169, 183, 308, 309, 334, 18, 17(b), 31 u 23 tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena, kunsidrata:
a) il-fedina penali tal-akkuzat, bl-ebda mod nadifa, minn fejn jidher li ghal diversi drabi kien inghata l-beneficcju ta' 'probation' u ordni ta' 'probation' in konnessjoni ma' serq waqt li qatt ma kien inghata piena karcerarja,
b) u billi jidher li presentement l-akkuzat ifforma familja,
c) u mill-atti jidher li l-akkuzat effettivament ikkopera mal-pulizija sabiex jinstabu l-oggetti mehuda minnu bil-mezzi kif hawn fuq deskritti,
d) Li hu kkommetta falsifikazzjoni ta' cheques sabiex jikkommetti id-delitt ta' "truffa".

Ghalhekk il-Qorti tara li ghandha timponi piena karcerarja izda sospiza a bazi tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat il-precitati artikoli, tikkkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' tmintax il-xahar prigunerija, **sospiza** ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjoni li l-istess akkuzat ma jikkommettix reat iehor suggett ghall-prigunerija fl-istess perjodu ta' sentejn.

In oltre, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li l-akkuzat ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjes in konnessjoni ma' nomina ta' espert tekniku f'dawn il-proceduri, specifikatament William Cassar Torreggiani.

Fl-ahhar nett il-Qorti spejgat din is-sentenza u il-piena kif inghatat lill-istess akkuzat.

Alan Calleja
Deputat registratur                Veru kopja

Ghar-registratur.